MALTA RESOURCES AUTHORITY

**STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI**

B'seħħ mit-2 ta' Lulju se tidħol fis-seħħ reviżjoni tal-prezz tal-Gass Petroleum Likwefatt (LPG) u Propane li jiġu impurtati. Din ir-revizjoni saret minħabba ż-żieda fil-prezz internazzjonali tal-propane u butane. Din saret fuq talba ta' Liquigas Malta Ltd.

Tul il-proċess ta' verifika l-MRA ma laqgħetx il-formola użata minn Liquigas Malta Ltd għaż-żieda fil-prezz tal-gass. Għalhekk l-MRA naqset il-prezz finali għall-konsumatur minn dak li oriġinarjament kien mitlub minn Liquigas Malta Ltd.

Matul il-proċess tar-reviżjoni tal-prezz tal-Gass Petroleum Likwefatt, l-MRA kellha diversi laqgħat u bdil ta' informazzjoni.

It-tabella turi l-prezzijiet il-ġodda għal Gass Petroleum Likwefatt (LPG) u Propane, it-talba li għamlet Liquigas kif ukoll il-prezz kif hu llum:

| **TIP** | | **Prezz illum** | **Prezz mitlub mil-Liquigas** | **Prezz approvat mill-MRA** |
|---|---|---|---|---|
| **Cilindru 10kg** | **Gas** | **9.00** | **12.25** | **11.80** |
| | **Propane** | **10.00** | **13.00** | **11.20** |
| **Cilindru 12kg** | **Gas** | **10.50** | **14.50** | **13.90** |
| | **Propane** | **-** | **-** | **-** |
| **Cilindru 15kg** | **Gas** | **13.00** | **17.75** | **17.00** |
| | **Propane** | **14.50** | **19.00** | **16.20** |
| **Cilindru 25kg** | **Gas** | **20.50** | **28.70** | **27.30** |
| | **Propane** | **23.00** | **30.15** | **26.00** |
| **Bulk / kg** | **Gas** | **0.90** | **1.08** | **1.10** |
| | **Propane** | **1.05** | **1.18** | **1.10** |

*Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, Malta.*
*Tel: +356 21220619; Fax: +356 22955200 E-mail: enquiry@mra.org.mt*

Minħabba s-sussidji li kienu jeżistu qabel u minħabba ż-żieda fil-prezz internazzjonali tal-gass, il-prezz ma kienx jirrifletti l-ispejjez tal-produzzjoni u għalhekk l-MRA approvat li jkun hemm reviżjoni iżda ma approvatx iż-żieda kollha li talbet Liquigas.

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi approvat *pricing mechanism* fejn il-prezz għall-konsumatur jirriffletti l-prezz tal-materja prima u dan jista' jinbidel kull xahar, bħalma jiġri għal fuwels oħra.

Minn studji li għamlet l-Awtorita' Maltija tar-Riżorsi jirriżulta li r-revizjoni se tfisser differenza ta' €28 fis-sena fuq il-konsum medju.

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, fl-impenn tagħha li tħares il-konsumatur se tkun qed tagħmel spezzjonijiet biex jiġi assigurat li l-konsumatur ma jħallasx aktar mill-prezzijiet li ġew approvati. L-Awtorità tfakkar li d-distributuri huma obbligati li fil-vetturi jkollhom tabella viżibbli bil-prezzijiet għall-informazzjoni tal-konsumaturi. L-MRA se tkun qed tenforza li din it-tabella tkun tidher, kif suppost.

Min irid aktar informazzjoni jew irid jivverifika l-prezzijiet tal-gass jista' jċempel fuq in-numru 22955541 bejn it-8.30 a.m. u n-12.30 p.m. Il-prezzijiet jinsabu wkoll online fuq www.mra.org.mt.

MRA/PR 8/10

*Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, Malta.*
*Tel: +356 21220619; Fax: +356 22955200 E-mail: enquiry@mra.org.mt*